31993R3403

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 3403/93

ta' l-10 ta' Diċembru 1993

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2220/85 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' garanziji għall-prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tat-30 ta' Ġunju 1992 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2193/93 ([2]), u b'mod partikulari l-Artikoli 5, 6(2), 7(3), 8 5), 9(2), 11(4), 12(3) u (6), 13(6), 16 (2) u 17(4) tiegħu, u d-disposizzjonijiet korrespondenti tar-Regolamenti l-oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti agrikoli, u wkoll għad-disposizzjonijiet l-oħra fir-Regolamenti dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq li, meta applikati fil-prattika, jeħtieġu garanzija,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 525/77 ta' l-14 ta' Marzu 1977 li jistabilixxi sistema ta' għajnuna għall-produzzjoni ta' l-ananas fil-laned ([3]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1699/85 ([4]), u b'mod partikulari l-Artikolu 8 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2169/81 tas-27 ta' Lulju 1981 li jistabbilixxi regoli ġenerali għas-sistema tal-għajnuna għat-qoton ([5]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1554/93 ([6]), u b'mod partikulari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1491/85 tat-23 ta' Mejju 1985 li jistabbilixxi miżuri speċjali li għandhom x'jaqsmu mal-fażola tas-sojja ([7]), kien ġie mibdul mir-Regolament (KEE) Nru 3766/91 ([8]); filwaqt li r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1079/77 tas-17 ta' Mejju 1977 dwar taxxa ta' koresponsabbiltà u dwar miżuri għall-espansjoni tas-swieq fil-halib u l-prodotti tal-halib ([9]) ġie mħassar mir-Regolament (KEE) Nru 1029/93 ([10]); billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1677/85 tal-11 ta' Ġunju 1985 dwar l-ammont monetraju ta' kumpens fl-agrikultura ([11]) ġie mħassar mir-Regolament 9KEE) Nru 3813/92 ([12]); billi r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1431/82 tat-18 ta' Mejju 1982 li jistabbilixxi miżuri speċjali għall-piżelli, ful komuni u lupini ħelwin ([13]) ġie mibdul bir-Regolament (KEE) Nru 1765/92 ([14]);

Billi r-referenzi fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 ([15]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3745/89 ([16]), għal diversi Regolamenti għandhom ikunu aġġornati;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1068/93 tat-30 ta' April 1993 dwar regoli dettaljati għad-determinazzjoni u l-applikazzjoni tar-rati tal-kambju għall-agrikoltura ([17]) jistabbilixxi l-ġrajjiet operattivi għar-rati tal-kambju għall-agrikoltura, b'mod partikulari dawk applikabbli għal-garanziji; billi l-konsegwenzi ta' modifikazzjoni tar-rata tal-kambju għall-agrikoltura għal garanzija fil-ġurnata tal-ġrajja operattiva għandhom jiġu kkunsidrati;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2220/85 jipprovdi għas-sekwestru ta' garanzija jew ta' parti minnha; billi l-ispejjeż amministrattivi tas-sekwestru jistgħu jeċċedu l-ammont tal-garanzija li għandha tkun issekwestrata; billi l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri għandhom għalhekk jiġu mogħtija l-għażla tat-twarrib tas-sekwestru jekk l-ammont ikun żgħir ħafna;

Billi sabiex tkun evitata diskriminazzjoni fi ħdan il-Komunità huwa xieraq li jsir provvediment għall-ħlas ta' l-imgħax meta s-sekwestru tal-garanzija jkun ipposponut sa kemm ikun hemm ir-riżultat ta' proċedura ta' l-appell;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2220/85 għandu jiġi mmodifikat kif xieraq;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitati Amministrattivi relevanti kollha,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2220/85 hu hawnhekk emendat kif ġej.

([1]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
([2]) ĠU L 196, tal-5.8.1993, p.22.
([3]) ĠU L 73, tal-21.3.1977, p. 46.
([4]) ĠU L 163, tat-22.6.1985, p. 12.
([5]) ĠU L 211, tal-31.7.1981, p.2.
([6]) ĠU L 154, tal-25.6.1993, p. 23.
([7]) ĠU L 151, ta' l-10.6.1985, p. 15.
([8]) ĠU L 356, ta' l-24.12.1991, p. 17.
([9]) ĠU L 131, tas-26.5.1977, p. 6.
([10]) ĠU L 108, ta' l-1.5.1993, p.4.
([11]) ĠU L 164, ta' l-24.6.1985, p. 6.
([12]) ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.
([13]) ĠU L 162, tat-12.6.1982, p. 28.
([14]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 12.
([15]) ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.
([16]) ĠU L 364, ta' l-14.12.1989, p. 54.
([17]) ĠU L 108, ta' l-1.5.1993, p. 106.

1. L-Artikolu 1 hu mibdul b' li ġej:

"L-Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli dettaljati li jirigolaw il-garanziji li għandhom ikunu mogħtija, jew permezz tar-Regolamenti segwenti jew taħt kwalunkwe Regolamenti ta' l-implimentazzjoni, sakemm regoli oħra ma jkunux stabbiliti permezz ta' dawk ir-Regolamenti:

(a) Ir-Regolamenti li jistabbilixxu l-organizzazzjoni komuni tas-swieq f'ċerti prodotti agrikoli:

— Ir-Regolament (KEE) Nru 136/66/KEE (żjut u xaħmijiet) ([1]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 804/86 (ħalib u prodotti tal-ħalib) ([2]),

— Ir-Regolament (KEE0 Nru 805/68 (ċanga u vitella) ([3]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 2358/71 (żrieragħ) ([4]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 1035/72 (frott u ħxejjex) ([5]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 2759/75 (il-laħam tal-majjal) ([6]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 2771/75 (il-bajd) ([7]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 2777/75 (il-laħam tat-tjur) ([8]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 1418/76 (ir-ross) ([9]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 1117/78 (l-għalf niexef) ([10]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 1785/81 (iz-zokkor) ([11]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 426/86 (prodotti pproċessati mill-ħaxix u l-frott) ([12]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 822/87 (l-inbid) ([13]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 3013/89 (il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż) ([14]),

— Ir-Regolament (EEC) Nru 1766/92 (iċ-ċereali) ([15]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 2075/92 (it-tabakk mhux maħdum) ([16]),

— Ir-Regolament (KEE) Nru 3759/92 (prodotti tas-sajd u ta' l-akwa koltura) ([17]);

(b) Ir-Regolament (KEE) Nru 525/77 (priserv ta' l-ananas) ([18]);

(ċ) is-sistema ta' l-għajnuna għall- qoton kif stabbilita fir-Regolament (KEE) Nru 2169/81 ([19]);

(d) Ir-Regolament (KEE) Nru 1765/92 (sistema ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċerti uċuħ tar-raba ([20]).

([1]) ĠU 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.
([2]) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
([3]) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.
([4]) ĠU L 246, tal-5.11.1971, p. 1.
([5]) ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
([6]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.
([7]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.
([8]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
([9]) ĠU L 166, tal-25.6.1976, p. 1.
([10]) ĠU L 142, tat-30.5.1978, p. 1.
([11]) ĠU L 177, ta' l-1.7.1981, p. 4.
([12]) ĠU L 49, tas-27.2.1986, p. 1.
([13]) ĠU L 84, tas-27.3.1987, p. 1.
([14]) ĠU L 289, tas-7.10.1989, p. 1.
([15]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
([16]) ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 70.
([17]) ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1.
([18]) ĠU L 73, tal-21.3.1977, p. 46.
([19]) ĠU L 211, tal-31.7.1981, p. 2.
([20]) ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 12."

2. L-Artikolu 7 hu mħassar.

3. L-Artikolu 12 hu mibdul b' li ġej:

"L-Artikolu 12

1. Il-garanzija għandha tkun ippreżentata fil-munita ta' l-Istat Membru ta' fejn tkun tinstab l-awtorità kompetenti rilevanti.

2. Jekk is-somma totali tal-garanzija meħtieġa espressa fil-munita ta' l-Istat Membru konċernat kienet ġiet miżjuda minħabba modifikazzjoni fir-rata tal-kambju ta' l-agrikoltura għall-garanzija li tkun daħlet fis-seħħ fid-data tal-ġrajja operattiva, il-garanzija tkun aċċettata fuq il-bażi tar-rata tal-kambju ta' l-agrikoltura eżistenti fil-ġurnata ta' qabel il-modifika jekk l-iżbilanċ jammonta għal anqas minn 20 ECU espressi fil-munita nazzjonali bl-użu tar-rata tal-kambju ta' l-agrikoltura l-ġdida.

3. Offerta li dwarha garanzija ta' l-offerta ippreżentata li turi żbilanċ ta' 20 ECU jew aktar minħabba modifika kif hemm referenza dwarha fil-paragrafu 2, għandha tkun aċċettata bħala valida għall-kwantità attwali koperta b'dik il-garanzija, basta li qabel il-waqt li fih l-offerti jkunu eżaminati bil-għan ta' deċiżjoni dwar ir-riżultat ta' l-offerta, l-appaltatur jintrabat bil-miktub li jissupplimenta l-iżbilanċ u li jagħmel hekk fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara d-data ta' l-għeluq ta' l-offerta, apparti milli f'każi ta' forza maġġuri.

Tnaqqis bħal dan fuq il-kwantità ta' l-offerta m'għandux jiġi meqjus bħala ksur ta' kwalunkwe disposizzjoni kwantitattiva fir-Regolament speċifiku.

4. Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(1) u (2) jistgħu ukoll jiġu applikati għas-supplimentazzjoni ta' l-iżbilanċ ikkawżat minn modifika kif hemm referenza dwaru fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Minkejja l-Artikolu 5(3), dawn id-disposizzjonijiet jistgħu ukoll jiġu applikati għas-supplimentazzjoni tal-garanziji għal-liċenzja ta' l-importazzjoni jew l-esportazzjoni jew taċ-ċertifikati ta' l-iffissar bil-quddiem."

4. L-Artikolu 29 hu mibdul b' li ġej:

"Artikolu 29

1. Ladarba l-awtorità kompetenti tkun konxja miċ-ċirkustanzi li qed iwasslu għas-sekwestru tal-garanzija, kollha kemm hi jew parti minnha, għandha mingħajr dewmien tinsisti mal-parti li tkun meħtieġa li jilħaq l-obbligazzjoni li tħallas is-somma ssekwestrata, bi tħollija ta' 30 ġurnata mill-ġurnata tal-wasla tat-talba għall-ħlas.

Meta l-ħlas ma jkunx sar fl-aħħar ta' dan il-perjodu, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) mingħajr dewmien twarrab kwalunkwe garanzija tat-tip deskritt fl-Artikolu 8(1)(a) għall- kont xieraq;

(b) mingħajr dewmien teħtieġ li min jagħmel il-garanzija kif deskritt fl-Artikolu 8(1)(b) li jħallas, billi jitħallew 30 ġurnata mill-ġurnata tal-wasla tat-talba għall-ħlas;

(ċ) mingħajr dewmien tieħu l-passi biex:

(i) tikkonverti l-garanziji deskritti fl-Artikolu 8(2) (a), (ċ), (d) u (e) fi flus suffiċjenti għall-irkuprar tas-somma dovuta;

(ii) twarrab id-depositi ta' flus bi pleġġ lejn il-kont tagħha.

L-awtorità kompetenti tista' mingħajr dewmien twarrab kwalunkwe garanzija tat-tip deskritt fl-Artikolu 8(1)(a) lejn il-kont xieraq mingħajr ma' l-ewwel tkun teħtieġ li l-persuna kkonċernata li teffettwa l-ħlas.

2. L-awtorità kompetenti tista twarrab is-sekwestru ta' ammont anqas minn 20 ECU, basta li disposizzjonijiet nazzjonali simili għal każijiet kumparabbli jkunu stabbiliti b'liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, meta d-deċiżjoni għall-sekwestru ta' garanzija tkun meħuda imma wara, fuq appell, tkun ippospnuta bi qbil mal-liġi nazzjonali, il-parti kkonċernata għandha tħallas l-imgħax fuq is-somma attwalment issekwestrata matul il-perjodu li jibda 30 ġurnata mill-jum tal-wasla tat-talba għall-ħlas kif hemm referenza dwar dan fl-ewwel subparagrafu tal-paagrafu 1 u li jispiċċa fil-jum ta' qabel il-ħlas tas-somma attwalment issekwestrata.

Ir-rata ta' l-imgħax applikabbli hija kkalkulata bi qbil mad-disposizzjonijiet tal-liġi nazzjonali, imma m'għandha fl-ebda każ tkun anqas mir-rata ta' l-imgħax applikabbli fil-każ ta' rkupru ta' l-ammonti nazzjonali.

L-aġenziji ta' ħlas għandhom inaqqsu l-imgħax imħallas mill-ispiża tal-Fond Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), bi qbil mad-disposizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78 (*).

L-Istati Membri jistgħu perjodikalment jitolbu supplimentazzjoni tal-garanzija fir-rigward ta' l-imgħax involut.

Meta l-garanzija tkun ġiet issekwestrata u l-ammont diġa kkreditat lill-FAEGG u, b'segwiment tar-riżultat tal-proċedura ta' l-appell, is-somma ssekwestrata kollha kemm hi jew parti minha, inklużi l-imgħax fir-rata bi qbil mal-liġi nazzjonali, għandha tiġi mħallsa lura, is-somma li għandha titħallas lura għandha tkun merfuha mill-FAEGG sakemm il-ħlas mill-ġdid tal-garanzija ma jkunx attribwit għan-negliġenza jew żball serju ta' l-awtoritajiet amministrattivi jew ta' korpi oħra ta' l-Istat Membru.

(*) ĠU Nru L 50, tat-22. 2. 1978, p. 1."

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 29(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85 kif imdaħħal bl-Artikolu 1(4) ta' dak ir-Regolament, għandhom japplikaw għall-garanziji mogħtija f'dik id-data jew aktar tard.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Diċembru 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni